

Parti oħra fil-proċedura: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

B'digriet tal-5 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament inammissibbli u kkundannat lill-appellant iċċ-awla l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**Appell ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2022 minn FZ et mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralis
(It-Tmien Awla) fil-15 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-618/20, FZ et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-172/22 P)

(2022/C 441/07)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: FZ et (rappresentant: J.-N. Louis, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-5 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell bħala manifestament inammissibbli u kkundannat lill-appellant iċċ-awla l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja)
fid-29 ta' Lulju 2022 – AQ vs trendtours Touristik GmbH**

(Kawża C-511/22)

(2022/C 441/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Frankfurt am Main

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AQ

Konvenut: trendtours Touristik GmbH

Domandi preliminari

- 1) Lewwel sentenza tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (¹) (id-“Direttiva dwar pakketti tal-ivvjaġġar”) għandha tīgħi interpretata fis-sens li, minbarra d-dritt previst fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar pakketti tal-ivvjaġġar, tipprovd iċċ-ixxu dritt ta’ xoljiment addizzjonali, li l-effetti legali tiegħi jaapplikaw biss meta l-vjaġġatur jinvoka tali dritt fid-dikjarazzjoni tiegħi ta’ xoljiment tal-kuntratt?
- 2) L-Artikolu 12(2) tad-Direttiva dwar pakketti tal-ivvjaġġar għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li titħallas tariffa ta’ xoljiment jibqa’ jaapplika meta l-vjaġġatur ma jkun indika ebda raġuni fid-dikjarazzjoni ta’ xoljiment tiegħi tal-pakkett tal-ivvjaġġar jew ikun indika raġuni li ma hijiex relatata ma’ ċirkustanza inevitabbli u straordinarja?

¹) ĠU 2015 L 326, p. 1